Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

Vs

Jurgen Dalli u

Diane Bonanno

Seduta Distrett Mosta

Illum 21 ta' Gunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Jurgen Dalli** ta' 35 sena iben Paul u Helen Farrugia nee Dalli imwieled il-Pieta' nhar is-7-04-1987 u resident gewwa 111, Carmel Crt, Flat 2, Triq tal-Mensija, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 184287M.

U

**Diane Bonanno** ta' 32 sena bint Emanuel u Anne Marie Bonanno nee Magro imwielda l-Pieta nhar it-3-05-1990 u resident gewwa 166, Highlands, Blk C Flat 4, Vjal il-Qalbiena Mostin, Naxxar u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 219490M.

Akkuzati talli f' dawn il-gzejjer u cioe nhar id-19 ta' Lulju 2022 ghall-habta tas-19:35hrs gewwa Triq Fisher kantuniera ma' Triq Sir Harry Luke, Mgarr:

1. Ghamiltu lil Kylie Abela ngurji u/jew theddid mhux imsemmija band' ohra fil-kodici kriminali jew jekk kontu pprovokati, ingurjajtu b' mod li hrigtu l-barra mill-limiti ta' provokazzjoni. Art 339 (1) (e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkustanzi volontarjament ksirtu l-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u/jew glied u/jew mod iehor. Art 338 (dd) ta' Kap 9 tal-ligijIet ta' Malt.

Il-Qorti hija mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Kylie Abela jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabli ghar-reat, turbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.[1]

Hadet nota tal-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

[1] Folio 1 tal-process.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' April 2024, is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.[2]

Rat illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda argument li inqala' bejn Jurgen Dalli u l-ex-mara tieghu Kylie Abela waqt l-access tat-tifla taghhom Lea Dalli nhar id-19 ta' Lulju 2022 fl-Imgarr, Malta. Intervjena ukoll f'dan l-incident is-sieheb ta' Kylie Abela certa Jason Camilleri biex skond hu jiddefendi lil Abela mill-aggressjoni ta' Dalli. Jidher ukoll li f'xi hin interveniet ukoll Diane Bonanno li hija s-siehba ta' Dalli li bdiet tghajjat.

**Provi**

Xehed **PS 826 Matthew Parnis** li fl-affidavit tieghu jghid li huwa irvcieva r-rapport tieghu nhar id-19 ta' Lulju 2022 fejn stqarr li Jurgen Dalli mar iwassal it-tifla tieghu Leah Dalli hdejn l-ghassa tal-Imgarr u kellu argument mal-ex martu Kylie Abela u beda jiftah idu u fil-pront gie Jason Camilleri li hu l-partner tal-ex-mara tieghu.

[2] Folio 24 tal-process.

Jason Camilleri mitkellem mill-pulizija ried jiehu passi kriminali kontra l-imputat u dan wara li inghata t-twissijiet skond il-ligi. Isostni li hu baqwa' fil-van u sema' lill Jurgen jhedded lil Kylie u qal: din gejja bil-liba illum ghax indawrilha wiccha llum'. Jghid li Dalli gholla idu ma' wiccha u qallha, indawwarlek wiccek' Kien f'dak il-punt li huwa hareg u intervjena. Jghid li lilu ma missux u zammu biss milli jahbat ghal Kylie. Jghid li wara harget tghajjat Dinae Bonanno mill-karrozza[3].

Jispjega li Kylie Abela tghid li Dalli ma missiex ghax hija lahqet resqet.

Xehed **Jason Camilleri** nhar id-19 ta' April 2024 u qal li ma jiftakarx il-gurnata u jikkonferma li kien dizgwid minn fejn kellha tingabar it-tifla.[4] Isostni li hu baqa fil-van meta Dalli ikkummenta: ha ddahhaq, indawrilha wicca llum' u meta mexa wara l-ex mara tieghu beda jkellimha bi kliem dispregattiv u b' lehen gholi. Meta resaq aktar vicin rega' gholla idejh biex jahbat ghaliha u kien f'dak il-hin li hareg mill-vettura biex iferraqhom. Jghid li mieghu (u cioe ma' Dalli) kien hemm it-tfajla tieghu li ma jafx x'jisimha.

Xehedet **Kylie Abela** nhar id-19 ta' April 2024 fejn spjegat li l-incident gara f'Lulju tas-sena li ghaddiet jew ta' qabilha. Tghid li inqala' dizgwid minn fejn jigbor it-tifla u beda jgholli lehnu u jghid kliem mhux xieraq. Qalilha li kien ser idawwrilha wicca n-naha l-ohra. Tghid li kien hemm Jason Camilleri maghha fil-van. Issostni li gholla idejh ma' wiccha.

[33] Folio 5 u 7 tal-process.
[4] Folio 17 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

L-imputati qed jigi akkuzati taht l-arikoli 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-Difiza eccepiet biss li l-imputati ghandhom jigu iddikjarati mhux hatja ghax ix-xhieda ma jiftakrux b'mod ezatt id-data tal-incident.

Il-Qori tirrileva li dan mhux korrett u wiehed irid jara x'jirrizulta mill-assjem tal-provi. Issa hu car li l-NPS report 10/POL/2968/2022 jghid id-data u l-hin li jinkwadra fl-akkuza. L-istess jghidu l-affidavits ta' PS 826 Matthew Parnis li bl-ebda mod ma gew attakkati mid-difiza u ghalhekk jaghmlu prova shiha li l-Qorti tista' toqghod fuqha.[5]

Ghaldaqstant, din il-linja difensjonali qed tigi skartata.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Qorti temmen li dak li gara hu ta' ghajb ghall-Jurgen Dalli u mhu ta' gid ghal hadd, la ghalih, la ghall-kwerelanti kif ukoll u b' mod specjali ghall-minuri Lea Dalli. Il-Qorti tqis li dawn l-affarijiet, jekk ikun hemm dizgwid ghandhom jigu rizolti b'mod amikevoli u mhux bl-ghajjat u bil-forza. ZGUR LI DAWN L-INCIDENTI IHALLU EFFETT NEGATTIV FUQ IL-MINURI li**

---

[5] **Il-Pulizija vs Gabiel Saliba** App. 247/2020 deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Neville Camilleri, **Il-Pulizija vs John Borg** deciz mill-Qorti tal-Appel Kriminali per Onorevoli Natasha Galea Sciberras nhar 15 ta' Mejju 2024.

**ghandha BZONN IMHABBA u SERENITA' u MHUX dawn ix-xenati u kummidji tal-vavi!**

Il-Qorti fliet l-atti u l-akkuzi kontra Diane Bonanno ma jirrizultawx. Hadd ma semmma lil Bonanno waqt ix-xhieda.

Mhux l-istess jista' jinghad ghall-imputat l-iehor Jurgen Dalli. Il-Qorti thoss li dak li xehdu Abela u Camilleri ghandu mis-sewwa u ghalhekk tqis li l-akkuzi fil-konfront ta' Dalli jirrizultaw.

Dwar piena il-Qorti li ghandha tigi erogata fil-konfront tieghu, il-Qorti tqis li ghandha tikkunsidra s-segwenti fatturi:

1. L-eta' tal-imputat;
2. Il-fatt li hu ma skuzax ruhu tal-eghmil tieghu;
3. Il-fatt li l-agir tieghu sar quddiem minuri;
4. L-agir sar f'lok pubbliku

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata **DIANE BONANNO MHUX HATJA** tal-akkuzi migjuba kontra taghha u qed tilliberaha minn kull htija u piena filwaqt li qed issib lill-imputat **JURGEN DALLI HATI** tal-akkuzi kollha fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghall-multa ta' tmenin Ewro (Ewro 80) li

ghandhom jithallsu minnufih altrimenti konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

Inoltre ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed torbot lill-hati **JURGEN DALLI** b’garanzija personali ta’ elfejn Ewro (Ewro 2,000) ghal zmien sena mil-lum biex ma jdejjaqx, ma jikkomunikax (hlief b’ mod civili fir-rigward tat-tifla Lea Dalli) jew b’ xi mod jimmolesta jew javvicina lil Kylie Abela.

Inoltre ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed torbot lill-hati **JURGEN DALLI** b’garanzija personali ta’ elfejn Ewro (Ewro 2,000) ghal zmien sena mil-lum biex ma jdejjaqx, ma jikkomunikax jew b’xi mod jimmolesta jew javvicina lil Jason Camilleri.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car il-konsegwenzi ta‘ din is-sentenza, l-obbligi tieghu taht l-istess u x’jigri jekk huwa ma jonorax l-istess.

Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.